THIRD PARTY APPEAL

GRECH & GRECH ASSOCIATES

24 ta' Novembru 2020

Is-Segretarju
Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar
Floriana
Malta

Sinjur

**Re: PA 9519/ 19 - To sanction excavation of trench and reservoir and to carry out alterations to dwelling – Tax-Xakku fi sqaq fi Triq il-Mithna, Qala, Ghawdex - applikazzjoni ta' Lorry Tabone**

Niktiblek fuq inkarigu ta' Raymond Tabone ta' Plot 5, Triq in-Nigret, Qala, Ghawdex.

Permezz ta' l-applikazzjoni fuq imsemmija saret talba sabiex jigi sanzjonat xoghol ta' thaffir u reservoir li saru fi sqaq, kif ukoll biex isiru alterazzjonijiet fuq post fi Triq il-Mithna, Qala, Ghawdex.

Il-mittenti huwa *registered objector* fl-atti ta' dawn il-proceduri in kwantu huwa kien ghamel oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni skond u fit-termini provduti mill-ligi.

Permezz ta' decizjoni moghtija mill-Awtorita' fis-27 ta' Ottubru 2020, din l-applikazzjoni giet milqugha.

**U permezz tal-prezenti talba, il-mittenti qed jappellaw minn din id-decizjoni skond il-ligi.**

Ir-ragunijiet ghaliex qed isir dan l-appell huma s-segwenti:

**L-EWWEL AGGRAVJU**

1. Fl-ewwel lok peress li din id-decizjoni nghatat minkejja li l-klijent tieghi, bhala *registered objectors,* ma nghatax l-opportunita' li jara d-dokumenti kollha sottomessi f'dawn l-proceduri qabel ma nghatat id-decizjoni relattiva. Fil-fatt huwa ma nghata

qatt l-opportunita' li jara id-dokumenti 49A, 52B u 52C. Dan minkejja li huwa ghamel talba f'dan is-sens b'ittra datata 16 ta' Ottubru 2020, kif ukoll verbalment seduta stante, waqt is-seduta mizmuma fis-27 ta' Ottubru 2020.

Dan gara carament bi ksur tal-principju kardinali ta' l- *audi alteram partem.*

Ir-*registered objector* huwa parti attiva u shiha fl-atti ta' proceduri. Inoltre, l-mittenti ma seta' qatt jaghmel rapprezentazzjonijiet shah, in sostenn tal-posizzjoni tieghu, jekk ma setghax jara id-dokumenti kollha in atti, inkluz dawn id-dokumenti li kienet saret riferenza ghalihom fid-DPA report prezentat qabel ma nghatat id-decizjoni. Kien imbaghad wara li nghatat id-decizjoni finali li huwa nghata access ghalihom, izda dan kien tard wisq.

Il-fatt li *registered objector* ghandu dejjem ikollu access ghad-dokumenti kollha li jigu sottomessi fl-atti ta' proceduri gie konfermat f'decizjoni moghtija minn dan it-Tribunal stess fid-9 ta' Marzu 2017 f'decizjoni moghtija fl-ismijiet Joseph Borg et l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn gie osservat illi:

> "Huwa car l-ilment tal-appellanti. Ma nghatax access ghal dokumenti li kienu gew esebiti fl-atti quddiem l-Awtorita' matul il-processar tal-applikazzjoni. Ukoll illi dawn id-dokumenti kienu a disposizzjoni tal-Bord li ha d-deczijoni izda ma kienux a disposizzjoni tal-objectors appellanti f'dan il-kaz.
>
> L-appellanti naturalment ghandu ragun. Kull dokument li jigi esibit fl-Atti ta' applikazzjoni pendenti ghandha tkun available dejjem ghall-partijiet inkluz ghalhekk registered objectors bhal ma kienu l-appellanti odjerni. Ma ghandu jkunn hemm xejn mistur ghal partijiet sakemm dawn ma jkunux xi dokumenti privileggjati skond il-ligi.
>
> Huwa inaccettabbli li ufficjal tal-Awtorita' jiddeciedi hu liema huma dawn id-dokumenti li ghandhom ikunu available ghall-partijiet. Kollox ghandu jkun available ghall-partijiet. Decizjoni xort'ohra tmur kontra dettami mhux biss tar-regola ta' audi alterma partem izda anki s-semplici sens komun."

Grech & Grech Associates, Guza Court/ 1, Kercem Road, Victoria, Gozo VCT 9056 - Malta T: +356 2155 3071, F: +356 2156 1200
Dr. Georgine Schembri B.A., LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit M: +356 9959 8475, E: georgine@grechandgrech.com.mt
Dr. Francienne Muscat LL.B., Dip. N.P., LL.D., Melit M: +356 7900 5303, E: francienne@grechandgrech.com.mt
www.grechandgrech.com.mt

GRECH & GRECH
ASSOCIATES

Minkejja li kienet nghatat decizjoni tant cara u skjetta fir-rigward ta' l-Awtorita', jidher li din injoratha, u l-Awtorita' baqghet ghaddejja billi ma taghtix access lill-objectors ghad-dokumenti kollha li jigu sottomessi.

Il-klijent tieghi ghalhekk jinsisti li jkun hemm *due process* f'dan il-kaz, u dana billi bhalma gara fil-kaz Joseph Borg vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fuq kwotat, l-atti jergghu jigu rinvijati lill-Awtorita' ghal decizjoni mill-gdid, wara li l-mittenti jaghmel ir-raprezentazjonijiet tieghu b'mod komplet, inkluz f'riferenza ghad-dokumenti fuq imsemmija.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

2. Fit-tieni lok peress li il-proprjeta' mertu ta' din Il-applikazzjoni tinkludi sqaq proprjeta' tal-mittenti liema sqaq kien inkluz ma' proprjeta' akkwistata minn Angela Tabone, li l-istess mittenti hu werriet taghha, permezz ta' kuntratt tal-25 ta' Ottubru 1925 (kopja gia' esebita in atti). L-Applikant Lawrence Tabone kien applika biex jirregistra dan l-isqaq mar-Registru ta' l-Artijiet, izda r-Registru ta' l-Artijiet kien cahad l-applikazzjoni tieghu in kwantu jirrigwarda dan l-isqaq - Appuntu ghaliex huwa ma ppruvax it-titlu tieghu fuq dan l-isqaq (dokument relattiv esebit in atti). Il-mittenti prezenta wkoll pjanta mmarkata bhala Dokument C li turi liema parti mill-proprjeta' de quo tappartjeni lill-istess mittenti u ghalhekk ma setghetx tigi sottomess applikazzjoni dwarha minghajr awtorizazzjoni tal-mittenti.

Dwar din is-sottomissjoni tal-mittenti, l-Awtorita' issottomettiet li hija ma tidholx fi kwistjonijiet civili bejn il-partijiet, u li tali kwistjonijiet jigu determinati mill-Qrati tal-Gustizzja u mhux mill-Awtorita'.

Illi madanakollu, il-mittenti umilment jissottometti li din il-kwistjoni ta' *ownership* bilfors trid tidhol fiha l-Awtorita' f'kaz fejn l-applikant jimla' il-formola appozita u jiddikjara li huwa sid ta' l-art de quo.

F'dan il-kaz, fejn ikun hemm allegazzjoni, bhal dik tal-mittenti, li tkun saret dikjarazzjoni mill-applikant b'mod falz, l-Awtorita' ghandha tanalizza dwar jekk l-applikant ikunx ghamel dikjarazzjoni falza f'dan is-sens jew le.

Konsegwentement, l-Awtorita' kellha tidhol f'din il-kwistjoni, u in vista tad-dokumenti esebiti mill-mittenti *objectors*, hija kellha tichad l-applikazzjoni abbazi ta' dikjarazzjoni falza maghmula mill-applikant.

Grech & Grech Associates, Guza Court/ 1, Kercem Road, Victoria, Gozo VCT 9056 - Malta T: +356 2155 3071, F: +356 2156 1200
Dr. Georgine Schembri B.A., LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit M: +356 9959 8475, E: georgine@grechandgrech.com.mt
Dr. Francienne Muscat LL.B., Dip. N.P., LL.D., Melit M: +356 7900 5303, E: francienne@grechandgrech.com.mt
www.grechandgrech.com.mt

GRECH & GRECH
ASSOCIATES

**IT-TIELET AGGRAVJU**

3. Fit-tielet lok peress li l-pjanti sottomessi ma' l-applikazzjoni, li suppost jaghtu stampa ta' kif il-proprjeta' tinsab attwalment huma nveritieriu qarrieqa. Din ir-raguni kellha fiha nnifisha sservi bhala raguni ghaliex din l-applikazzjoni tigi awtomatikament skartata.

L-istess ghandu jinghad fir-rigward tas-sanctioning of excavation of trench kif muri fil pjanti. Dan m'huwiex muri b'mod korrett, evidentement bl-iskop li l-Bord li se jiddeciedi l-applikazzjoni tieghu jigi mqarraq.

Pendenti l-proceduri, l-applikanti issottometta site plan gdida li turi differenza fid-dimensjonijiet ta' l-isqaq in kwistjoni. Inoltre, huwa prezenta pjanta ohra fejn l-isqaq gie kwalifikat bhala 'Sole Ownership' ta' l-applikant, kif ukoll bhala soggett ghal passagg tal-familji Tabone u Cauchi.

Din id-differenza xorta ma rregolatx il-pjanti b'mod li huma fidili ghal dak ezistenti fuq il-post. U ghalhekk xorta wahda din l-applikazzjoni kellha tigi skartata

4. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, huwa sottomess li dan l-appell ghandu jigi milqugh u d-decizjoni fuq imsemmija tigi revokata.

Nirringrazzjak ta' l-attenzjoni

Av. Georgine Schembri

Grech & Grech Associates, Guza Court/ 1, Kercem Road, Victoria, Gozo VCT 9056 - Malta T: +356 2155 3071, F: +356 2156 1200
Dr. Georgine Schembri B.A., LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit M: +356 9959 8475, E: georgine@grechandgrech.com.mt
Dr. Francienne Muscat LL.B., Dip. N.P., LL.D., Melit M: +356 7900 5303, E: francienne@grechandgrech.com.mt
www.grechandgrech.com.mt